MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 35/2021

It-Tnejn, 26 ta' Lulju 2021

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sna Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

Il-Viċi Sindku, Dott Marlene Cini u s-Sur Baskal Saliba kienu għadhom mhux preżenti pero billi kien hemm quorum il-laqgħa inbdiet.

### 35.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

35.1.1 Il-Viċi Sindku, Dott Marlene Cini u s-Sur Baskal Saliba infurmaw lis-Sindku illi ser jaslu tard għal din il-laqgħa.

### 35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

35.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 33/2021, ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ġew meqjusa bħala moqrija.

35.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm minn dawn il-minuti u talab għall-approvazzjoni. Il-Viċi Sindku talbet sabiex nru 33.3.27 *' Is-Sindku nforma lil membri li prova javviċina lil sid l-għalqa li hemm bejn il-Horizon u l-Qbajjar pero' ma kienx possibli.'* Tiġi spjegata aħjar. Il-membri qablu li ssir il-korrezzjoni meħtieġa u l-minuti ġew approvati

### 35.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

35.3.1 Is-Sindku propona sabiex il-minuti li jkunu ser jiġu approvati mill-Kunsill fil-laqgħa ma jintbagħtux qabel pero jitpoġġew fuq il-mejda kwarta qabel ma tinbeda' l-laqgħa sabiex jinqraw. Il-Kunsillier Daniel Cordina ġibed l-attenzjoni illi minuti li kienu għadhom mhux approvati ġew *leaked* minn xi Kunsillier u għalhekk qabel mal-proposta tas-Sindku. Is-Sindku kompla jgħid li ser jinforma lid-Dipartiment għal Gvern Lokali f'dan ir-rigward sabiex isiru l-investigazzjonijiet meħtieġa

35.3.2 Il-membri ġew infurmati illi l-bozza solari li kienet twaħħlet fi Triq il-Merżuq għandha l-ħsara u għalhekk propona li minflok issir bozza normali tat-toroq. Il-membri qablu.

35.3.3 Is-Sindku propona u l-membri qablu li għandha ssir bozza bis-*sensor* taħt il-front peress li dik il-parti fil-għaxijiet qed isiru xi abbużi.

35.3.4 Is-Sindku nforma lil membri li f'laqgħa ma l-Arċipriet li fiha kien hemm ukoll preżenti l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Baskal Saliba kien hemm diskussjonijiet fejn il-membri ġew infurmati illi m'hu ser isir xejn minn naħa tal-Kleru fil-festa. Is-Sindku informa lil preżenti illi f'laqgħa li hu u s-Seg. Eżekuttiv kellhom mas-Supt. tal-Pulizija saru diskussjonijiet rigward il-logħob tan-nar. Il-membri qablu li jinġieb il-permess ta' l-Awtorita' tas-Saħħa għal *seated event.*

35.3.5 Is-Sindku nforma lil membri illi ħafna residenti qed jiġbdu l-attenzjoni għal fatt li l-qanpiena tal-Knisja għadha ma tpoġġietx. Il-membri qablu li din m'hiex kwistjoni tal-Kunsill u għalhekk l-Kunsill m'għandux jidħol f'dawn l-kwistjonijiet bla bżonn.

35.3.6 Is-Sindku reġa propona li terġa tintbgħat *reminder* rigward il-kalati li hemm fi Triq iż-Żebbuġ.

35.3.7 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera illi fi Triq is-Sagħtrija inbeda ix-xogħol ta' bini ta' ħitan tas-Sejjiegħ mill-Eco Gozo. Is-Sindku kompla illi l-Kunsill ukoll ser ikun qed jibda' bix-xogħol tal-bini tal-ħitan fuq in-naħa l-oħra fil-jiem li ġejjin.

35.3.8 Is-Sindku nforma lil membri li insterqet filata ġebel minn Triq iż-Żebbug. Il-membri qablu li għandha ssir talba lil Ministeru għal Għawdex u ssir ukoll sulletta tal-konkos sabiex il-ġebel ma jerġax jinsteraq.

35.3.9 Is-Sindku nforma lil membri illi l-Enemalta talbu biex jagħmlu trinka fi Triq Skapuċċina sabiex jiġi msaħħaħ il-qawwa tad-dawl f'dawk l-inħawi. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jagħti l-permess tiegħu f'dan ir-rigward bl-inqas inkonvinjent għar-residenti ta' l-inħawi

35.3.10 Is-Sindku informa lil membri li t-triq ta' wara l-Knisja int u tiela minn Triq Għajn Mhelhel hemm xi gebel tal-kantun proprjeta' tal-Knisja u l-karozzi ma jistgħux jghaddu ghalhekk propona li tigi *one way*. Il-membri qablu.

35.3.11 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-membri li Triq ta' Ċikku qed tiġi ostakolata bil-vetturi li qed jipparkjaw. Propona u l-membri qablu li jsiru id-*double yellow lines* sabiex ma jipparkjawx.

35.3.12 Talab sabiex tinġibed l-attenzjoni ta' l-Għaqdiet tan-Nar u tal-Futbol sabiex jaqtgħu l-ħaxix kif miftiehem.

35.3.13 Talab sabiex jeħel *dog litter bin* fi Triq Barda. Il-membri qablu.

35.3.14 Is-Sindku propona u l-membri qablu li għandhom jiżdiedu żewġ *gym equipments* oħra fil-Playing Field taż-Żebbuġ peress li hemm biżżejjed wisgħa. Il-membri qablu li jinġabru l-kwotazzjonijiet f'dan ir-rigward.

35.4 Cameras tas-Sigurta'

Is-Sindku propona u l-membri qablu li l-kameras tas-sigurata li hemm fejn l-iskips tal-Qbajjar promenade u l-Qbajjar jgħaddu f'idejn il-LESA sabiex jiġu kkontrollati minnhom. Sar qbil ukoll li jitwaħħal dawl adekwat sabiex il-pjanċi tal-karozzi jkunu jidhru sew matul il-lejl sabiex jitnaqqas l-abbuż li qed isir ta' sikwit. Qablu wkoll illi l-iskip li hemm fi Triq Santa Marija fejn il-kiosk tal-promenade jitneħħa wkoll u jitpoġġa minflok fejn l-iskips tal-Qbajjar.

35.5 Tweġibiet/Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

35.5.1 *Il-Viċi Sindku, Av. Marlene Cini ressqet dawn is-suġġerimenti:*

35.5.1.1 Issuġġeriet sabiex fejn is-salini jitwaħħlu tabelli biex tinżamm l-indafa. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni illi s-salini huma privati u għalhekk ma jistgħux jitwaħħlu dawn it-tabelli. Il-Viċi Sindku għalhekk issuġeriet li titwaħħal tabella taż-żamma għal indafa kif tinżel mis-Sagħtrija. Il-membri qablu.

35.5.1.2 Staqsiet jekk jistgħux isiru BBQ's fix-Xwejni. Il-membri qablu li għandhom jitwaħħlu tabelli biex tinżamm l-indafa.

35.5.1.3 Il-Viċi Sindku talbet sabiex terġa titranġa l-grada li hemm fi Triq il-Knisja peress li l-aħħar li tranġat is-siment inqala' kollu.

35.5.1.4 Talbet sabiex jintalab il-permess ta' Transport Malta sabiex jitwalu s-sinjali *double yellow lines* fi Triq il-Qbajjar peress li qed ikun hemm konġestjoni tat-traffiku. Il-membri qablu

35.5.1.5 Rigward il-bini ta' ħajt fi Triq Frank Debono talbet sabiex tintbgħat email lis-Supretendenza tas-Saħħa. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat illi l-Avukat tal-Kunsill ser iħejji ittra sabiex tiġi preżentata l-qorti.

35.5.1.6 Issuġġeriet sabiex jitwal id-*double yellow line* fi Triq il-Knisja u għalhekk issir talba lil Transport Malta.

35.5.1.7 Il-Viċi Sindku ġibdet l-attenzjoni illi ħajt ta' għalqa fi Triq Ħabel it-Twil ġarrab xi ħsarat minħabba x-xogħlijiet li qed isiru fuq il-*cable* minn ħaddiema tal-Gvern. Il-membri qablu li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-Ministeru għal Għawdex f'dan ir-rigward.

35.5.1.8 Il-Viċi Sindku staqsiet f'hiex waslet il-*call* li l-Kunsill ħareġ għal ingaġġ ta' *Council Assistant.* Is-Seg. Eżekuttiv infurmatha illi l-Kunsill qed jistenna l-lista mill-Jobsplus tal-persuni li qed jirreġistraw fuq l-ewwel u t-tieni parti.

33.5.1.9 Il-Viċi Sindku proponiet u l-membri qablu li għandha ssir talba għal fanal ġdid fi Sqaq fi Triq Skapuċċina. Għandha timtela l-STL form.

35.5.1.10 Talbet għall-update rigward l-*storm water culvert fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċċri.* Is-Seg. Eżekuttiv infurmata li ser jiġi ffirmat il-kuntratt bejn il-Kunsill u l-Kuntrattur.

35.5.1.11 Il-Viċi Sindku proponiet illi għandha ssir talba lil Ministeru għal Għawdex sabiex jiġi mqabbad il-Perit tal-Ministeru sabiex iħejji *traffic management* biex isiru l-*crash barriers* ħdejn iċ-ċimiterju.

35.5.1.12 Il-Viċi Sindku talbet sabiex jingħalaq iż-Żebbuġ *playing field* li għadu taħt kostruzzjoni sabiex ħadd ma jkun jista' jidħol minħabba l-perikolu. Il-Kunsillier Cordina sostna li l-Kuntrattur suppost li dawru b'xibka. Il-Kunsillier Baskal Saliba propona li ssir tabella *works in progress.* Il-membri qablu li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-kuntratturi.

35.5.1.13 Talbet għal *update* tal-proġett tal-Qbajjar Promenade. Is-Sindku nfurmha illi x-xogħol kwazi lest u qed jitpoġġa l-madum. Il-Kunsillier Cordina talab li jitħawlu siġar u xtieli.

35.5.1.14 Il-Viċi Sindku staqsiet fhiex waslet l-offerta għal bini ta' ħitan tas-sejjiegħ fi Triq is-Sagħtrija. Is-Sindku informa lil membri illi ġenb minn din it-triq il-ħitan ser jinbnew mill-Eco Gozo kif ukoll ser jiġu nsallati d-dwal. Kompla jgħid illi l-Kuntrattur Caurana & Cini li ħadu l-offerta tal-Kunsill ser jagħmlu naħħa waħda biss bl-istess *cubic meters.* Is-Seg. Eżekuttiv qalet li għandha issir ic-*change request* f'dan ir-rigward.

35.5.1.15 Talbet sabiex isiru l-korsijiet tas-*science on-line*. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li għandhom jinġabru l-kwotazzjonijiet f'dan ir-rigward qabel ma jsir xi ħaġa. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li din kienet proposta tiegħu snin ilu. Is-Sindku iddikjara li ma jaqbilx li jsiru dawn minħabba s-sitwazzjoni preżenti u peress li kważi għadda s-Sajf.

35.5.2 *Il-Kunsillier, Daniel Cordina ressaq dawn is-suġġerimenti:*

35.5.2.1 Iddikjara li jikkundanna bi sħieħ kitba minn persuna fuq il-medja soċjali kontra l-membri tal-Korp tal-Pulizija u l-Uffiċċjali tal-LESA. Kompla jgħid illi jħossu diżgustat b'dan l-aġir. Is-Sindku żied jgħid illi l-Kunsill ma jistax igerger bl-infurzar li qed isir u ma jaqbilx li ssir kritika fuq uffiċċjali li qed jagħmlu xogħolhom.

35.5.2.2 Talab sabiex issir *repainting* tal-kaxxa safra fi Triq il-Forn bejn il-Plajja u l-Pebbles.

35.5.2.3 Issuġġerixxa sabiex nitolbu lil Ministeru għal Għawdex iwaħħlu l-*bollards* fejn sar il-proġett.

35.5.2.4 Rigward l-ilma li ħiereġ minn Triq il-Qbajjar. Is-Sindku nfurmah li qed isiru testijiet mill-WSC u l-Health Dept f'dan ir-rigward. Is-Sindku kompla jgħid illi jekk ma jirriżulta xejn minn dawn it-testijiet, issir grada jew trinka fuq ġewwa sabiex dan l-ilma ma jibqax jiżbokka fit-triq.

35.5.2.5 Talab sabiex tinġibed l-attenzjoni ta' l-Awtorijiet sabiex jinfurmaw lis-sidien tal-flettijiet fi Triq ir-Rabat sabiex l-pipijiet ta' l-*air conditions* ma jibqux iqattru l-isfel fuq il-bankini.

35.5.3 *Il-Kunsilliera, Sandra Grech ressqet dawn is-suġġerimenti:*

35.5.3.1 Talbet sabiex isiru r-*repainting* tas-sinjali tat-traffiku fejn Galea Supermarket fi Triq il-Qbajjar kif ukoll fejn il-Lantern Restorant.

35.5.3.2 Talbet sabiex Triq ix-Xtut ssir *one way* jiġifieri l-karozzi jkunu jistgħu jgħaddu minn Triq Santa Marija lejn Triq Manuel Magro biss. Kompliet tgħid li qed ikun hemm konġestjoni tat-traffiku f'din il-parti tat-triq. Talbet sabiex issir *one way* imqar fit-tlett xhur tas-Sajf biss. Il-Kunsillier Daniel Cordina ma qabilx li ssir biss għal tlett xhur pero propona li ssir *one way* b'mod permanenti. Il-membri qablu.

35.5.3.3 Talbet sabiex issir talba sabiex il-Kunsill jingħata l-boroz ta' l-iskart separat. Il-Kunsillier Baskal Saliba talab sabiex jerġgħu jiġu ordnati aktar maskli bl-arma tal-Kunsill. Il-membri qablu.

35.5.3.4 Talbet sabiex jitwaħħlu madwar il-lokalita' l-iskeda ta' kif suppost jinħareġ l-iskart residenzjali. Il-membri qablu.

35.5.3.5 Talbet sabiex terġa ssir pressjoni fuq il-Ministeru għal Għawdex sabiex kif kien imwiegħed tiġi asfaltata Triq il-Qbajjar.

35.5.3.6 Talbet sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur tad-dawl sabiex meta bozza tiġi rraportata titranġa mill-aktar fis possibli.

35.5.3.7 *Il-Kunsillier, Baskal Saliba ressaq dawn is-suġġerimenti:*

35.5.4 Iddikjara illi hu fl-ebda ħin ma għadda dawn il-minuti li ġew approvati lil terzi persuni.

35.5.4.1 Talab sabiex fi Triq Wied l-Infern fejn twaħħlet ili-mera hemm bżonn jittellew żewġ filati biex min ikollu bżonn jirriversja jara l-ħajt u ma jaqax għal isfel. Is-Sindku ġie nkarigat sabiex immur jiċċekja.

35.5.4.2 Talab sabiex titwaħħal tabella fil-Bajja tal-Qbajjar li mhix *dog friendly beach*.

35.5.4.3 Terġa tintbgħat *reminder* lil Perit tal-Kunsill sabiex iħejji *traffic management* ta' Triq ix-Xagħra peress li l-karozzi qed jipparkjaw fuq iż-żewġ naħħat.

35.5.4.4 Talab sabiex il-*contracts manager* tal-Kunsill idur il-lokalita' u jiċċekja fejn hemm bżonn isiru aktar *street lighting.* Talab ukoll sabiex tiżdied bozza bejn il-Knisja ta' San Pawl u Xagħra Road peress li hemm ħafna dlam. Il-membri qablu.

35.5.4.5 Talab sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-Ministeru għal Għawdex rigward it-telqa' li hemm fil-Ġnien tat-Tlett Għoljiet. Kompla jgħid ukoll li minbarra l-perikolu li hemm f'dan il-ġnien hemm ħafna dawl li ma jixgħelx.

35.5.4.6 Talab sabiex issir *motor cycle parking bay* fil-bidu ta' Triq Barda. Il-membri qablu.

35.5.4.7 Talab u l-membri qablu li għandu isir arblu tal-Festa fi Triq Mons De Piro pero' qabel iridu jinġabru l-kwotazzjonijiet.

35.6 Korrispondenza, ilmenti/suggerimenti

35.6.1 Is-Seg. Eżekuttiv bgħatet il-*bye law* bl-isem ' *Bye-Laws* tal-2021 dwar Xorb f'Kontenituri tal-Ħġieġ u Konsum tal-Alkoħol f'Postijiet Pubbliċi, u Stabilimenti tal-Ikel fil-Beraħ' lil Kunsilliera kif mibgħuta mill-Avukat tal-Kunsill għal approvazzjoni tagħhom. Il-membri qablu unanimament ma din u talbu lis-Seg. Eżekuttiv sabiex tmexxi mad-Dipartiment għal Gvern Lokali f'dan ir-rigward.

35.6.2 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri illi l-Kunsill rċieva l-approvazzjoni minn Transport Malta għat-talba tiegħu għal *disabled parking bays* waħda fi Triq ix-Xagħra b'mod permanenti u oħra fi Triq is-Salini għal erba' xhux tas-Sajf minn Ġunju sa Settembru.

35.6.3 Implimentazzjoni tal-Inizzjattiva tal-WIFI4EU- Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri illi l-Kunsill rebaħ *voucher* ta' €15,000. Il-membri qablu li din l-inizjattiva għandha tiġi mplimentata jekk d-Dipt. Tal-Gvern Lokali joħroġ l-ispejjeż għal *internet connection.*

35.6.4 Ittra Elektronika minn għand Mario Saliba rigward ktieb li ġie ppublikat minnu bl-isem 'Ħajja u Mewt, il-Mard u s-Saħħa f'Għawdex'. Il-membri qablu li għandhom jinxtraw żewġ kotba għal librerija.

35.6.5 Risposta rigward it-talba tal-Kunsill għal *Charging Pillars* fil-lokalita'. Konferma illi dawn ser jeħelu fi Triq Sagħtrija (fejn Block A), Triq il-Wied Marsalforn (fejn il-parking area), il-Qbajjar fejn is-substation ta' l-Enemalta u Pjazza l-Assunta.

35.6.6 Il-membri qablu li l-Kunsill jawtorizza lil Kuntrattur LTLM Ltd sabiex ikun jista' jidħol il-Wasteserv sabiex jiddisponi l-kartun li jinġabar minn Marsalforn u dan għal prezz ta' €0.50c + VAT għal kull tunnellata.

35.6.7 Talba mill-Gozo Sailing Club sabiex l-Kunsill jgħinhom sabiex parti żgħira mill-blat tal-Bajja tal-Qbajjar issir *Sailing Designated area.* Il-membri qablu li għandha ssir talba għal *encrochment* mad-Dipartiment ta' l-Artijiet. Qablu wkoll li l-Kunsill jieħu f'idejh il-*main* ta' l-ilma sabiex isiru *showers* f'din il-Bajja.

35.6.8 Ittra mibgħuta mill-Executive Officer tal-Kunsill sabiex jitla għal Assistant Principal u dan skond il-Fteħim Kollettiv. Il-membri qablu.

35.6.9 Concept Form – *Town Twinning Project.* Il-Viċi Sindku, Dott Marlene Cini proponiet u l-membri qablu li jsiru dawn:

1. Interchange of city delegations ceremony at town's Square - Assumption Square. There will be a band concert, church choir, school students' choir and an audio-visual featuring Lanuvio and Zebbug.
2. Salt pans - A lesson on how salt is made.
3. Different sports workshops will be organized and various competitions
4. Clay shooting Masterclass at the Zebbug Shooting Range and various competitions
5. Holy Mass in Italian Language
6. Wine tour at a local vineyard

35.6.10 Korrispondenza minn Transport Malta fejn ġiet approvata it-talba li saret mill-Kunsill għal *road hump* fi Triq Ħabel it-Twil.

35.6.11 Korrispondenza minn The Archaelogical Society Malta sabiex toġġezzjona fuq appell fuq PA/03117/19. Il-membri qablu li għandu jgħaddi għand il-Perit sabiex idaħħlu għal appell. Il-Kunsill jaqbel mad-deċiżjonijiet tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

35.6.12 Inġabru tlett kwotazzjonijiet għas-servizz ta' *locality officer* mal-Kunsill. Il-membri għażlu l-irħas kwotazzjoni.

35.6.13 Talba minn għand resident fejn talbet parkeġġ riservat fi Triq il-Knisja sabiex tkun tista' tiċċarġja l-karozza peress li ma għandhiex garaxx. Il-membri ma qablux ma din it-talba peress li fil-futur qarib ser jeħlu *ic-charging pillars*.

35.6.14 Ilment Nru 35/2021
Titlob sabiex isiru *double yellow lines* faċċata tal-garaxxijiet fi Triq San Mikiel.

Il-membri qablu li l-ewwel għandha tinġieb approvazzjoni bil-miktub mill-proprjetarju fejn qed jintalbu li jsiru dawn is-sinjali.

35.6.15 Ilment Nru 36/2021
Titlob sabiex isiru sinjali tal-parkeġġ fid-daħla ħdejn il-Bo Jungles peress li hemm min qed jipparkja ħażin.

Il-membri qablu li għandha ssir talba lil Transport Malta.

35.6.16 Ilment Nru 37/2021
Talba sabiex issir disabled parking fi Triq il-Ponta.

Il-membri qablu li din għandha ssir lil Transport Malta.

35.6.17 Ilment Nru 38/2021
Titlob biex issir *zebra crossing* jew *sleeping policeman* fi Triq Santa Marija faccata tal-Qbajjar Promenade minħabba is-sewqan eċċessiv.

Il-membri ma qablux ma dan.

35.6.18 Ilment Nru 39/2021
Talab sabiex issir kaxxa ta' wheel chair quddiem residenza fi Triq Ulisse.

Il-membri qablu li ssir talba lil Transport Malta.

35.6.19 Ilment Nru 40 /2021
Jitlob sabiex issir tabella mad-dar tagħha 'Tarmix Żibel' fi Triq il-Mungbell.

Il-membri qablu.

35.6.20 Talba sabiex issir *sleeping policeman* fi Triq Manuel Magro. Il-membri ma qablux ma din.

35.6.21 Talba sabiex isir *1 m yellow line* ma ġenb ta' garaxx fi Triq is-Sajjied. Il-membri qablu li ssir talba lil Transport Malta.

35.6.22 Turist ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex issir *bye law* sabiex ma jitħallew caravans jipparkjaw fil-Bajjiet. Il-membri qablu li l-ilment għandu jgħaddi għand il-pulizija.

35.6.23 Talba minngħand resident sabiex titranġa l-bankina tagħha fi Triq Lapsi. Il-membri qablu li din għandha titniżżel mal-lista' tal-bankini.

## 35.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-iskeda ta' pagamenti

Skeda Nru 34/2021 li jammonta għal €68,715.43 ġiet approvata

## 35.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fis-7.15 ta' filgħaxija. Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 24 t'Awwissu 2021 fil-4.30 ta' filgħaxija.

Nicky Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv